StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 2010**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IS-SITT SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa**

**Isem :** ____________________________________ **Klassi :** _______________

**A**: Immarka t-tajbin billi taqta' sing:



1. F'Malta u Għawdex l-ilsien Malti hu mitkellem:
   (a) minn kulħadd
   (b) mill-biċċa l-kbira tal-poplu
   (ċ) fl-ibliet biss
2. L-iktar mod popolari kif nikkomunikaw bejnietna huwa:
   (a) billi nilagħbu l-logħob flimkien
   (b) bil-lingwa
   (ċ) bit-telefon
3. Mod kif inwasslu messaġġ favur l-ambjent lill-oħrajn huwa billi:
   (a) intellgħu xi *exhibition*
   (b) nilagħbu dejjem f'xi grawnd mhux fit-triq
   (ċ) noqogħdu attenti kif naqsmu t-triq

(marka 1 x 3 = 3 marki)

**B**: Semmi **mod wieħed** kif dawn li ġejjin jistgħu jikkomunikaw u jwasslu l-messaġġ tagħhom lill-oħrajn. Imxi skont l-eżempju.

**Eżempju**: Rita tixtieq turi rispett lejn il-ħabiba tagħha Sandra – **Rita tista'** tispjega lil Sandra x'għamlu l-iskola meta darba Sandra kienet ma tiflaħx u għalhekk ma marritx skola.

1. Is-Sur Abela, għalliem tas-Sitt Sena, jixtieq juri lill-istudenti tiegħu kemm hu ikrah il-vandaliżmu.

   **Is-Sur Abela jista'** ________________________________________________

   ________________________________________________ (2 marki)

2. Peppi jixtieq juri lil ħabibu Mario kemm jiddejjaq meta jisimgħu jitkellem pastaż.

   **Peppi jista'** ________________________________________________

   ________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Is-Sindku u l-Kunsilliera jixtiequ ħafna li n-nies tar-raħal tagħhom iżommu iktar l-inda

**Is-Sindku u l-Kunsilliera jistgħu** ______________________________________________

______________________________________________ (2 mar

4. Bertu jixtieq iħajjar lil sħabu jivvutawlu għax se joħroġ għall-Kunsill tal-Istudenti.

**Bertu jista'** ______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

(total eżerċizzju B = 8 marki)

## Ċ: Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ wara kull waħda:

| | | Veru jew Falz? |
|---|---|---|
| 1 | It-televixin u r-radju jiffurmaw parti mill-*mass media*. | |
| 2 | Permezz tal-gazzetti nistgħu nesprimu l-opinjonijiet tagħna. | |
| 3 | Illum l-Internet sar wieħed mill-mezzi ta' komunikazzjoni li l-iktar jintużaw. | |
| 4 | Il-karozza tifforma parti mill-*mass media*. | |
| 5 | Fil-Gżejjer Maltin toħroġ gazzetta waħda kuljum. | |
| 6 | F'Malta għandna gazzetti li joħorġu darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Ħadd. | |
| 7 | F'Malta l-gazzetti joħorġu l-iktar bil-Malti jew bl-Ingliż. | |
| 8 | Meta jkolli bżonn infittex xi informazzjoni, nista' nuża l-Internet. | |

(marka 1 x 8 = 8 marki)

## D: Ħares lejn il-mappa. Minbarra Malta, fil-mappa jidher pajjiż kbir u żewġ gżejjer oħra. Wieġeb il-mistoqsijiet:




1. X'jismu l-pajjiż li qed tara fil-mappa?

______________________________ (2 marki)

2. Agħti l-isem tal-gżira immarkata A fil-mappa:

______________________________ (2 marki)

3. Agħti l-isem tal-gżira immarkata B fil-mappa:

______________________________ (2 marki)

4. X'nifhmu biha l-kelma 'gżira'?

______________________________ (2 marki)

(total eżerċizzju D = 8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E**: Wieġeb bil-għajnuna tal-mappa:




1. Fil-mappa jidher baħar importanti. X'jismu dan il-baħar?

   ________________________________________________ (2)

2. A, B u Ċ huma tliet daħliet li minnhom tista' tidħol jew toħroġ minn dan il-baħar. Ikteb l-isem ta' dawn it-tliet daħliet:

   (i) ____________________________________________ (2)

   (ii) ____________________________________________ (2)

   (iii) ____________________________________________ (2)

3. Fuq il-mappa, bil-bajro, agħmel ċirku madwar il-gżira ta' Malta. (2)

4. Semmi ERBA' (4) pajjiżi (mhux gżejjer) li jmissu ma' dan il-baħar:

   (i)________________________________________________ (2)

   (ii)________________________________________________ (2)

   (iii)________________________________________________ (2)

   (iv)________________________________________________ (2)

(total eżerċizzju E = 18-il marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F**: Ħares sew lejn dawn l-istampi:







**Aqra**:

Ritratt A jurina bini tipiku Malti lejn in-naħat tar-Rabat (Malta).

Ritratt B jurina sett ta’ għerien lejn in-naħat tal-Aħrax tal-Mellieħa.

Agħmel sing taħt it-tajba:

1. F’Malta u Għawdex, biex nibnu xi bini bħal ta’ ritratt A nużaw (it-tafal, iż-żonqor, il-franka, il-qawwi).
2. Il-ġebel li minnu nbena il-bini ta’ ritratt A inġieb minn (Sqallija, taħt il-baħar, barriera, ramla).
3. L-iktar ġebla iebsa li nsibu f’Malta hija dik (tat-tafal, taż-żonqor, tal-franka, tas-safra).
4. L-għerien ta’ ritratt B (ħaffruhom l-irġiel fl-antik, saru bil-kumpressur, kienu minn dejjem hemm, tħaffru bil-qawwa tal-mewġ tal-baħar).
5. Għar magħruf ħafna minħabba li fih insibu stalagmiti u stalaktiti huwa (Għar Dalam, Għar Mimdud, l-Għar iż-Żgħir, Għar l-Imdina).
6. Fil-bogħod f’ritratt B, fil-bogħod, tidher il-bajja tal-Għadira; bajja oħra kbira ħafna nsibuha lejn (ir-Rabat Malta, Għajn Tuffieħa, Wied iż-Żurrieq, in-Nadur Għawdex).

(2 marki x 6 = 12-il marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ**: Fl-istampa jidher għadam ġebli magħruf bħala 'fossili', li nstab ġewwa G Dalam. Wieġeb il-mistoqsijiet:



1. Fejn jinsab Għar Dalam?

   ________________________________________ (marka 1)

2. X'jgħallmuna dwar l-istorja ta' Malta dawn il-fossili?

   ________________________________________________

   ________________________________________________

   ________________________________________ (3 marki)

(total eżerċizzju Ġ = 4 marki)

**G**: Wieġeb bil-għajnuna tal-istampi**.**

1. **Ritratt A** jurina l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Dan l-Ipoġew tħaffer fi Żmien (il-Bronż, ir-Ram, il-Franċiżi, il-Kavallieri). (2)

2. Aqta' sing taħt iż-**ŻEWĠ** (2) kmamar li nistgħu naraw fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni:




   - IL-KAMRA TAS-SĦAĦAR
   - L-ORAKLU
   - IL-KAMRA TAS-SIĠAR
   - IS-SANCTA SANCTORUM
   - IL-KAMRA L-GRIŻA. (2)

3. Kif nafu li l-**Ipoġew** kien post fejn jindifnu n-nies?

   ____________________________________________________

   ____________________________________________ (2)




4. **Ritratt B** jurina d-daħla prinċipali għat-Tempji Megalitiċi ta' Ħal Tarxien. Xi tfisser il-kelma **Megalitiċi**?

   ____________________________________________________

   ____________________________________________ (2)

5. Aqta' sing taħt it-Tempji Megalitiċi. B'kollox hemm **TNEJN**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-IMNAJDRA | VALLETTA | ĦAL KIRKOP | IR-ROTUNDA |
| L-IMDINA | IL-BIRGU | IĊ-ĊITTADELLA | ĦAĠAR QIM |

(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Semmi Tempji Megalitiċi importanti ħafna li għandna ġewwa Għawdex.

______________________________________________________________________

7. Fil-bini tat-Tempji Megalitiċi, ħafna bini sar bil-ġebla tal-franka. Għaliex taħseb li ntużat ħafna il-kwalità ta' ġebla?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8. Sir Temi Zammit mexxa x-xogħlijiet ta' taħfir, tiftix u skavi, kemm tal-Ipoġew ta' Ħal Saflieni kif ukoll tat-Tempji ta' Ħal Tarxien. Temi Zammit kien (raħħal, bennej, arkeologu, saċerdot). (2)

9. X'inhi d-differenza prinċipali bejn **TEMPJU** u **IPOĠEW**?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**Ċ**



10. **Ritratt Ċ** jurina ġebla misjuba ġewwa tempju; fuq il-ġebla tidher forma ta' ħuta mnaqqxa. Din il-ġebla nstabet (Buġibba, Skorba, Ħaġar Qim, Għar Dalam). (2)

11. Il-ġebla bil-ħuta mnaqqxa fuqha ta' ritratt Ċ, illum nistgħu narawha (fil-Buskett, ġewwa Ħal Saflieni, fil-Mużew tal-Arti, fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt). (2)

12. L-aħħar perjodu tal-preistorja Maltija jissejjaħ **Żmien il-Bronż**. B'liema taħlita minn dawn li ġejjin tista' tagħmel il-bronż?
    (i) taħlita ta' deheb u fidda
    (ii) taħlita ta' ram u landa
    (iii) taħlita ta' ramel u żrar
    (iv) taħlita ta' ram u deheb (2)

(total eżerċizzju G = 24 marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## GĦ: Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.



1. Fl-istampa jidher il-Gran Mastru li mexxa lill-Kavallieri u lill-Maltin fl-Assedju l-Kbir. X'kien jismu dal-Gran Mastru?

   ______________________________ (1)

2. Min attakka lil Malta fl-1565?

   ______________________________ (2)

3. Ikteb l-isem ta' wieħed mill-mexxejja tal-għedewwa tal-Maltin. ______________________________ (2)

4. Semmi żewġ fortifikazzjonijiet li kellhom il-Kavallieri u l-Maltin matul dan l-Assedju.

   (i) Fortifikazzjoni A:

   ______________________________ (2)

   (ii) Fortifikazzjoni B:

   ______________________________ (2)

5. Agħti raġuni waħda għala l-Maltin u l-Kavallieri ħarġu rebbieħa fl-Assedju l-Kbir tal-1565.

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

6. X'kienet tfisser dir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin fl-1565? (Ikteb tifsira waħda biss)

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

(total eżerċizzju GĦ = 15-il marka)

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers